VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 90 tal-2014

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (L.S. 65.18)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

1. Il-partita D1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur għandha tiġi korreġuta biex taqra kif ġej: Korrezzjoni fir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur. L.S. 65.18

"

D1	Vetturi bil-mutur maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn 16-il passiġġier minbarra s-sewwieq u b'tul massimu li ma jkunx aktar minn 8 metri. Vetturi bil-mutur f'din il-kategorija jistgħu jiġu kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata ta' mhux iżjed minn 750 kg.

".

2. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja stabbilixxa s-6 ta' Mejju, 2011, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ. Bidu fis-seħħ.